MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 16/2011/3

**Christian Xerri**

**Vs**

**Paul Caruana**

Dawn huma proceduri ta’ ritrattazzjoni.

Permezz ta’ avviz ta’ talba prezentat fid-19 ta’ Lulju 2011 fit-Tribunjal ghal Talbiet Zghar ir-ritrattand Christian Xerri talab il-hlas ta’ elfejn erbgha mija u tletin ewro (€2,430) hlas ta’ xoghol ta’ tikhil li ghamel fuq inkarigu tar-ritrattat.

B’sentenza li nghatat fit-28 ta’ Novembru 2012 il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) laqghet l-appell ta’ Paul Caruana u rriformat is-sentenza tat-13 ta’ Marzu 2012 tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, fis-sens li laqghet it-talba ta’ Xerri limitatament ghas-somma ta’ mija u disgha u ghoxrin ewro (€129) bl-ispejjez kontra Caruana. Id-decizjoni kienet bazata fuq il-fatt li t-Tribunal:-

*"ta decizjoni fuq oggett li lanqas remotament ma jista jigi kkunsidrat li jaqa' taht il-kawzali u t-talba attrici, izda jikkontrasta sew mal-istess, u allura gie li t-Tribunal iddecieda fuq kawzali li qatt ma kienet proposta mill-attur bil-mod kif ghamel il-kawza."* (fol. 112).

Fil-fatt fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012 (fol. 70) it-Tribunal kkundanna lir-ritrattand sabiex ihallas elfejn erbgha mija u tletin ewro (€2,430) li minnhom:-

i. €129 huma ghal xoghol bil-gurnata li r-ritratt ammetta li ghandu jhallashom (ara fol. 9)
ii. €2,301 rifuzjoni ta' kontribuzzjoni socjali mhallsa mir-ritrattand u li skond ftehim li sar bejn il-kontendenti Caruana kellu jhallsu taghhom.

Fir-rikors ta' ritrattazzjoni prezentat fid-19 ta' Dicembru 2012, ir-ritrattand jilmenta li din il-qorti:-

*"....minflok ma ddecidiet jekk kienx hemm smiegh xieraq u jekk is-sentenza tat-Tribunal kelliex tkun annullata u l-kawza terga' tigi rinvijata quddiem it-Tribunal jew inkella tiddikjara li ser tisma' il-kawza hi...."*, laqa' l-appell u kkundannat lir-ritrattat sabiex ihallas biss is-somma ta' €129.

L-aggravji tar-ritrattand huma:-

i. F'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell applikat hazin l-Artikolu 790 tal-Kap. 12 fis-sens li kellha tannulla s-sentenza, ladarba kienet tal-fehma li sehh ksur tal-principju ta' smiegh xieraq, u mhux titratta l-meritu u tbiddel is-sentenza kif ghamlet.
ii. L-Artikoli 790 tal-Kap. 12 u 8(2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta gew applikati hazin peress li *"...... ma kienx hemm l-elementi u l-gravita' ikkontemplata fihom fil-kaz odjern peress illi l-kawzali tat-talba kienu juri b'mod car l-ammont mitlub u x'kien jirraprezenta dak l-ammont."*.
iii. Li r-rikors tal-appell ta' Caruana kien sabiex tigi annullata s-sentenza tat-Tribunal u mhux jerga' jigi trattat il-meritu.

iv. Li din il-qorti tat lill-appellant iktar minn dak li ntalab minnu minflok ma ddikjarat is-sentenza nulla.
v. Is-sentenza ta’ din il-qorti hi kontradittorja ghaliex filwaqt li laqghet l-appell li kien sabiex tannulla s-sentenza, fl-istess waqt iddikjara li qeghda *“tirriforma u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex)....”*.

Ir-ritrattand qieghed jitlob li l-qorti thassar is-sentenza tat-28 ta’ Novembru 2012 u sabiex tisma’ mill-gdid l-appell. Huwa invoka l-Artikoli 811(e), (f), (g) u (i) tal-Kap. 12.

Ir-ritrattat wiegeb li m’hemmx bazi sabiex tintlaqa’ t-talba ghar-ritrattazzjoni.

Fis-sentenza din il-qorti esprimiet il-fehma li t-Tribunal ghamel:-

*“ingustizzja manifesta mal-appellant ghaliex gie misjub responsabbli ghall-kawzali li lanqas qatt ma kienet proposta kontra tieghu, u kienet allura different minn dak li gie mharrek dwarha.”*.

Dikjarazzjoni bazata fuq il-principju li qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda. Il-qorti kompliet li bil-mod kif mexa t-Tribunal kien mar kontra l-principji ta’ *audi alteram partem*, *fair hearing* u *equality of arms*. Il-qorti kompliet tghid:

*“[...] it-Tribunal ma qaghadx fuq dak li gie mitlub jiddeciedi, izda mar kompletament oltre u dahal f’terren li qatt ma missu dahal fih, proprju ghaliex dik mhux il-kawza li kellu quddiemu.”*.
Fir-rigward ta’ proceduri ta’ ritrattazzjoni l-principju hu li *“......r-rimedju ta’ ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li saret res iudicata ghandha forza ta’ ligi bejn il-kontendenti. Kien ghalhekk illi rimedju ta’ din ix-xorta kellu jigi interpretat b’mod restrittiv u ma setax jigi invokat jekk mhux fil-kazijiet specifici elenkati fil-ligi* “. Appell Civili, **Vincenza Mifsud et v. John Mary Grech**, 6 ta’ Ottubru 1999.”.

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-ilmenti tar-ritrattandi a bazi tal-provvediment tal-ligi li fuqhom qieghed jibbaza t-talba ta' ritrattazzjoni:-

i. **Artikolu 811(e)** – l-appellant ghamel riferenza ghall-Artikolu 790 tal-Kap. 12 u jsostni li din il-qorti *"….. din is-sentenza applikat il-ligi hazin u cioe' l-Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li skont din id-disposizzjoni l-Qorti tal-Appell kellha tannulla s-senteza la darba hija kienet tal-fehma li kien hemm ksur tal-principju tas-smigh xieraq u mhux tidhol fil-meritu u tbiddel l-ewwel sentenza kif ghamlet fil-kawza odjerna."*.

L-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jipprovdi li r-ritrattand *"….. ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."*.

L-Artikolu 790 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimita ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq*.".

Fis-sentenza l-Qorti tal-Appell tat ragun lill-konvenut (illum appellat) li t-Tribunal kien mar kontra l-principju tal-gustizzja naturali u ta' smiegh xieraq ghaliex gie kkundannat ghall-kawzali li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-azzjoni kif proposta. Dan hu apprezzament li ghamlet il-qorti li zgur li ma jistax jigi mistharreg f'proceduri ta' ritrattazzjoni. Ghalhekk meta r-ritrattand isostni li ma kienx hemm il-gravita' biex tithassar is-sentenza, qieghed jistieden lil din il-qorti biex taghti interpretazzjoni lill-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380[1]. Dan m'huwiex possibbli.

[1] Ara paragrafu numru 5 tar-rikors (fol. 117).

Mill-atti jirrizulta li l-Qorti tal-Appell qablet mal-aggravju tar-ritrattat u ghaddiet biex taqta' l-kaz hi stess. Wara kollox hekk jipprovdi l-Artikolu 8(4) tal-Kap. 380:-

*"Meta l-Qorti ta' l-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u gustifikat, din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha **hi stess** taqta' t - talba u l-kontro-talba originali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7."*.

Hu evidenti li l-Qorti tal-Appell iddecidiet il-meritu a bazi tal-provi li ressqu l-partijiet quddiem it-Tribunal, u kkonkludiet li bil-mod kif giet proposta l-kawza kienet dovuta biss is-somma ta' €129.

M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tindaga jekk din il-qorti kellix l-obbligu li tapplika xi provvediment iehor tal-ligi meta kkunsidrat il-meritu u ddecidiet li a bazi tal-kawzali kif proposta kien hemm dovut biss is-somma ta' €129. L-ilment tar-ritrattand ma jaghmel l-ebda riferenza ghal xi provvediment iehor tal-ligi li kellu jigi applikat meta l-qorti ddecidiet il-kaz fil-meritu. Din il-qorti ma ghandix il-poter li *ex officio* taghmel riferenza ghal xi provvediment iehor tal-ligi li kellu jigi applikat mill-qorti fl-ghoti tad-decizjoni.

ii. **Artikolu 811(g)**[2] – ilment li hu ghal kollox infondat meta tqies li kull ma ghamlet il-Qorti tal-Appell kien li a bazi tat-talba kif proposta minn Xerri laqghet it-talba tieghu limitatament ghas-somma ta' €129 peress li dak kien l-ammont dovut lilu ***"ghall-hlas ta' xoghol ta' tikhil"*** . Hu veru li fil-proceduri tal-appell ir-ritrattat talab li l-qorti tannulla s-sentenza, pero kif osserva r-ritrattat fit-twegiba li pprezenta, l-Artikolu 143(4) tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikkolu talba ghal thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet."*.

---

[2] *"jekk bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab".*

Riferenza ghal dan il-provvediment qeghda ssir bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad hawn taht b'riferenza ghall-ilment bazat fuq l-Artikolu 811(i) tal-Kap. 12.

Certament li li bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2012 din il-qorti ma kenitx qeghda taghti lir-ritrattat iktar milli talab. Il-qorti sodisfatta li l-appell kien gustifikat skond l-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380, u mbaghad ghaddiet biex tiddeciedi dwar il-meritu kif tezigi l-istess ligi (Artikolu 8(4) tal-Kap. 380). Hi l-ligi stess li timponi fuq il-Qorti tal-Appell li f'kaz li thassar id-decizjoni tat-Tribunal, ma tibghatx lura l-kaz quddiem it-Tribunal u anzi tiddeciedi l-kaz hi.

iii. **Artikolu 811(f)**[3] – Irrispettivament jekk il-kelma "talba" tapplikax fil-kaz ta' appell[4], hi l-ligi stess li tezigi li l-Qorti tal-Appell tiddeciedi l-kaz fejn thassar is-sentenza. F'dan il-kuntest m'hemmx ghalfejn li l-appellant jaghmel xi talba *ad hoc*. Issa ghamlitx sew il-qorti meta ddecidiet il-kaz fil-meritu minghajr ma tat l-opportunita' lill-partijiet biex jirregolaw ruhhom in vista li s-sentenza tat-Tribunal thassret, m'hijiex materja li ghandha tigi trattata fil-proceduri ta' ritrattazzjoni.

iv. **Artikolu 811(i)[5]** – Ir-ritrattand jilmenta li fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin ghaliex filwaqt li laqghat it-talba tal-appellant (illum ritrattat), fl-istess hin varjat is-sentenza. Mis-sentenza hu evidenti li:-

a. Fil-motivazzjoni l-qorti ikkonfermat li l-principji ta' gustizzja naturali u smiegh xieraq inkisru fil-konfront ta' l-appellat meta l-qorti ddecidiet fuq kawzali li ma kienux dawk li ppropona l-attur fl-avviz tat-talba li pprezenta quddiem it-Tribunal. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza ddikjarat li qeghda *"….. tilqa' l-appell interpost mill-appellant Paul Caruana fir-rikors tieghu datat 30 ta' Marzu 2012."*. It-talba tal-appellant kienet sabiex il-qorti tannulla s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-13 ta' Marzu 2012 propju ghaliex l-appellant kien qieghed isostni li

[3] *"jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba".*

[4] Ara tmien (8) paragrafu tat-twegiba tar-ritrattat (fol. 124).
[5] *"jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjoniet kontra xulxin".*

sehhet ingustizzja meta t-Tribunal iddecieda fuq kawzali differeni minn dik dikjarata fl-avviz tat-talba.

b. Fil-parti dispozittiva qalet ukoll li qeghda *"…..tirriforma u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet premessi….. b'dan li minflok tilqa' t-talba attrici kif proposta quddiem it-Tribnal ghal Talbiet iz-Zghar (Ghawdex) u b'hekk tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-appellat is-somma ta' €129 dovuti lill-appellat bhala bilanc minn somma akbar ghal hlas ta' xoghol ta' tikhil li huwa ghamel fuq struzzjonijiet tal-appellant kif indikat fl-istess talba."*.

Din il-qorti hi tal-fehma li gialadarba l-qorti laqghet it-talba tal-appellant, li kienet biex tannulla s-sentenza tat-Tribunal proprju ghaliex kienet tal-fehma li kienet sehhet ingustizzja manifesta fil-konfront tal-appellant, ma setatx fl-istess nifs tghid li qeghda tvarja s-sentenza tat-Tribunal. Sentenza li hi nulla m'hemmx xi tvarja fiha. Il-qorti ma taqbilx mar-ritrattat li s-sentenza fiha disposizzjoni wahda biss, in kwantu l-qorti fl-ewwel lok annullat is-sentenza tat-Tribunal u mbaghad qalet li qeghda *"tirriforma u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex)"*. Jekk r-ritrattat qieghed jalludi ghal fatt li l-parti dispozittiva tikkonsisti f'paragrafu wiehed biss, ma jfissirx li s-sentenza fiha disposizzjoni wahda biss. L-annullament tas-sentenza hassret ghal kollox il-possibilita' li tigi riformata. B'ligi, fejn il-Qorti tal-Appell thassar sentenza tat-Tribunal ghandha tiddeciedi l-kaz hi (Artikolu 8(4) tal-Kap. 380) billi tilqa' jew tichad it-talba tal-attur. Fil-fatt hekk jirrizulta li ghamlet il-qorti tant li laqghet it-talba tal-attur (illum ritrattand) limitament ghas-somma ta' €129.

Il-gurisprudenza tipprovdi li ghal finijiet ta' ritrattazzjoni taht dan il-provvediment:

*"Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizjoni tal-Qorti u taghmilha pro tanto inezegwibbli (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet* ***Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et****, supra, u* ***Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et****,*

*Qorti ta' l-Appell, 10 ta' Ottubru, 2003; u* ***Negozjant Giuseppe di Ruggiero Wismayer v. Giovanni Wismayer et****, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Dicembru, 1936, Vol. XXIX.i.795).”* (**Salvino Testaferrata Moroni Viani proprio et nomine et vs David Vella nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004).
Id-decizjoni finali dwar il-meritu kellha, skond il-ligi, tinghata minn din il-qorti u hekk sar. Hu evidenti li fil-parti dispozittiva tas-sentenza l-qorti ghamlet zball meta qalet li qeghda tirriforma s-sentenza tat-Tribunal. Mill-motivazzjoni tas-sentenza hu car hafna li r-ragunament tal-qorti kien li s-sentenza kellha tithassar ghaliex fis-sentenza tat-Tribunal kien hemm *“vjolazzjoni serja tal-principji tal-Ligi u ta' Ekwista' li ppregudikat f'dan il-kaz lill-appellant……. u dan kollu fl-ambitu tal-artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380.”* (fol. 13 tas-sentenza). Inoltre l-qorti m'hijiex tal-fehma li l-kontradizzjoni bejn thassar u tvarja s-sentenza tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza, gialadarba:

i. Skond il-ligi (Artikolu 8(4) tal-Kap. 380) kienet il-Qorti tal-Appell li trid tiddeciedi l-meritu. B'hekk il-ligi ma tipprovdix ghad-doppju ezami f'kazijiet simili. Dan ma kienx xi kaz fejn it-thassir tas-sentenza kien ifisser li l-kaz irid jintbaghat lura quddiem it-Tribunal.
ii. Irrispettivament jekk jigix dikjarat li s-sentenza qeghda tithassar jew tigi varjata, fis-sostanza dan ma kienx ser ikollu l-ebda effett fuq ir-rizultat finali. Qieghed jinghad hekk ghaliex f'kull kaz id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kienet li tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' €129.
iii. Id-decizjoni tal-qorti kienet cara, cjoe' li gialadarba r-ritrattand kien qieghed jitlob hlas ghal xoghol ta' tikhil u mill-provi rrizulta li kien ghamel dak ix-xoghol b'valur ta' €129, laqghet it-talba limitatament ghal din is-somma u kkundannat lill-appellat sabiex ihalls din is-somma.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-ritrattand bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------